



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 13 ta' Novembru 2013
(OR. en)**

**14607/1/13
REV 1**

LIMITE

**PV/CONS 45
JAI 881
COMIX 538**

ABBOZZ TA' MINUTI¹

Suġġett: **It-3260** laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (**ĠUSTIZZJA U
AFFARIJET INTERNI**) li saret fil-Lussemburgu fis-7 u t-8 ta' Ottubru 2013

¹ L-informazzjoni dwar deliberazzjonijiet legiſlattivi tal-Kunsill, dwar deliberazzjonijiet oħrajn tal-Kunsill miftuħin għall-pubbliku u dwar dibattiti pubbliċi tinstab fl-Addendum 1 għal dawn il-minuti.

WERREJ

Paġna

1.	Adozzjoni tal-aġenda proviżorja	4
----	---------------------------------------	---

ĠUSTIZZJA

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

2.	Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"	4
3.	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (Regolament dwar il-Protezzjoni ta' Data Ġenerali) [L-ewwel qari].....	4
4.	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-euro u muniti oħra kontra l-iffalsifikar permezz tal-liġi kriminali, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI [L-ewwel qari].....	5
5.	- Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (EPPO) [L-ewwel qari]	5
	- Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) [L-ewwel qari]	

6.	Affarijiet oħra	6
----	-----------------------	---

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

7.	Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"	6
8.	Affarijiet oħra	6

AFFARIJIET INTERNI

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

9.	Affarijiet oħra	7
----	-----------------------	---

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

10.	Arranġamenti proviżorji biex jiġi ospitat is-CEPOL.....	7
11	Kwistjonijiet relatati mal-moviment liberu tal-persuni	7

12.	Sirja: Protezzjoni tar-refuġjati, l-aħħar żviluppi.....	7
13.	Avvenimenti reċenti f'Lampedusa: Il-problema tal-flussi ta' migrazzjoni u l-imwiet fil-baħar Mediterran	8
14.	L-Ewwel Forum Annwali dwar ir-Rilokazzjoni, 25 ta' Settembru 2013.....	9
15.	Affarijiet oħra	9
	ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill	10

*

* *

1. **Adozzjoni tal-aġenda proviżorja**

14105/13 ĠU/CONS 45 ĠAI 833

Il-Kunsill, fuq talba mill-Italja, żied il-punt li ġej mal-aġenda proviżorja: "Avvenimenti reċenti f'Lampedusa: Il-problema tal-flussi ta' migrazzjoni u l-imwiet fil-baħar Mediterran".
Il-Kunsill adotta l-aġenda emendata.

ĠUSTIZZJA

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

2. **Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"**

14106/13 PTS A 61

Il-Kunsill approva l-punti "A" kif elenkati fid-dok. 14106/13.

Id-dokumenti fil-punt 2 għandhom jaqraw kif ġej:

Punt 2: 14057/1/13 REV 1 CODEC 2124 SCHENGEN 33 SCH-EVAL 114
FRONT 132 COMIX 517
14057/13 ADD 1
14057/13 ADD 2 REV 1
PE-CONS 30/13 SCHENGEN 16 SCH-EVAL 82 FRONT 61
COMIX 334 CODEC 1216

Dettalji dwar l-adozzjoni ta' dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

3. **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (Regolament dwar il-Protezzjoni ta' Data Ġenerali) [L-ewwel qari]**

– Dibattitu ta' orjentazzjoni
14260/13 DATAPROTECT 138 JAI 848 MI 819 DRS 179 DAPIX 121
FREMP 140 COMIX 526 CODEC 2165

Wara skambju ta' fehmiet iddettaljat, il-President ikkonkluda dan li ġej:

- (1) Il-Kunsill esprima l-appoġġ tiegħu għall-prinċipju li f'każijiet transnazzjonali importanti l-abbozz ta' Regolament għandu jstabbilixxi mekkaniżmu ta' punt uniku ta' servizz sabiex tittieħed deċiżjoni superviżorja unika, li għandha tkun rapida, tiżgura applikazzjoni konsistenti, tipprovdi ċertezza legali u tnaqqas il-piż amministrattiv. Dan huwa fattur importanti biex tittejjeb il-kost-effiċjenza tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data għan-negozju internazzjonali, u b'hekk jikkontribwixxi għat-tkabbir tal-ekonomija diġitali.
- (2) Ħidma esperta ulterjuri fuq dan ser titkompla fuq mudell li fih deċiżjoni superviżorja unika tittieħed mill-awtorità superviżorja tas-'sede prinċipali', filwaqt li l-ġurisdizzjoni esklużiva ta' dik l-awtorità tkun limitata għall-eżerċizzju ta' ċerti setgħat.

- (3) Il-Grupp ta' Ħidma kompetenti ser jeżamina liema huma s-setgħat preċiżi li għandhom jiġu eżerċitati mill-awtorità superviżorja tas-'sede prinċipali' u l-metodi għat-titjib tal-'qrubija' bejn l-individwi u l-awtorità superviżorja li tiegħu d-deċiżjonijiet permezz tal-involviment tal-awtoritajiet superviżorji 'lokali' fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Din il-qrubija hija aspett importanti tal-protezzjoni tad-drittijiet individwali.
- (4) Bħala element ieħor importanti ta' dan il-mudell għaż-żieda fil-konsistenza tal-applikazzjoni tar-regoli tal-protezzjoni tad-data tal-UE, il-Grupp ta' Ħidma ser ikompli jeżamina liema rwol u setgħat jistgħu jiġu fdati lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB) bħala mekkaniżmu ta' appell.

Il-President kompla jiċċara li l-ħidma futura tal-Kunsill fuq dawn il-linji tista' tinkludi xi elementi tal-hekk imsejjaħ mudell ta' kodeċiżjoni.

4. **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-euro u muniti oħra kontra l-iffalsifikar permezz tal-liġi kriminali, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI[L-ewwel qari]**

- Approċċ ġenerali
14085/1/13 REV 1 DROIPEN 114 JAI 831 ECOFIN 831 UEM 320 GAF 44
CODEC 2131

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali, wara skambju qasir ħafna ta' fehmiet dwar it-test tal-proposta kif jinsab fl-Anness għad-dokument 14085/1/13 REV 1. Dan l-approċċ ġenerali ser jikkostitwixxi l-bażi għan-negozjati futuri mal-Parlament Ewropew fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja (Artikolu 294, TFUE).

5. - **Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (EPPO)[L-ewwel qari]**

12558/13 EPPO 3 EUROJUST 58 CATS 35 FIN 467 COPEN 108
+ COR 1 (hr)

- **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) [L-ewwel qari]**

12566/13 EUROJUST 59 EPPO 4 CATS 36 COPEN 109 CODEC 2163
+ COR 1

= Preżentazzjoni mill-Kummissjoni u dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill

- laqa' ż-żewġ proposti;

- innota li għadd ta' kwistjonijiet fiż-żewġ fajls jeħtieġ li jiġu żviluppatti aktar u/jew iċċarati, u li l-ħidma ser tkompli fil-livell tekniku f'dan is-sens;
- innota li l-interess biex tiġi żgurata l-parteċi-pazzjoni ta' kemm jista' jkun Stati Membri fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għandu jiggwida l-ħidma li jmiss.

6. Affarijiet oħra

– **Informazzjoni mill-Presidenza dwar proposti legiſlattivi attwali**

Il-Kunsill ħa nota tas-sitwazzjoni attwali tan-negozjati taż-żewġ programmi tal-QFP Ġustizzja u nnota li l-qbil jista' jintlaħaq. Il-Presidenza ser tagħmel dak kollu li tista' sabiex tiżgura s-separazzjoni ċara bejn il-programm QFP Affarijiet Interni u l-programm QFP Ġustizzja fin-negozjati u ser tipproċedi fuq dik il-bażi.

Il-Kunsill ħa nota tas-sitwazzjoni attwali tan-negozjati dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea.

Il-Kunsill innota li n-negozjati kienu għadhom għaddejjin dwar id-Direttiva dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavati mill-kriminalità bil-għan li jintlaħaq qbil fl-ewwel qari sal-aħħar tas-sena.

ATTIVITAJIET MHUX LEGIŒLATTIVI

7. Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"

14107/13 PTS A 62

+ REV 1 (pt)

Il-Kunsill approva l-punti "A" kif elenkati fid-dok. 14107/13 + REV 1 (pt).

Dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti huma mniżżla fl-Anness.

8. Affarijiet oħra

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għibed l-attenzjoni tad-delegazzjonijiet għal konferenza "Assises de la Justice" li l-Kummissjoni kienet qed torganizza fil-21 u t-22 ta' Novembru 2013 fi Brussell dwar il-futur tal-politika dwar il-ġustizzja

AFFARIJJIET INTERNI

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

9. Affarijiet oħra

- **Informazzjoni mill-Presidenza dwar proposti leġislattivi attwali**
Il-Kunsill qabel li jipposponi l-eżami ta' din il-kwistjoni.

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

10. Arranġamenti proviżorji biex jiġi ospitat is-CEPOL

Il-Kunsill innota li, waqt l-ikla ta' nofsinhar, il-Ministri ftehm u bi qbil komuni li kif is-CEPOL joħroġ minn Bramshill, għandu jiġi ospitat f'Budapest (HU). L-att leġislattiv ser jeħtieġ li jiġi adottat mill-aktar fis possibbli, abbażi tal-Artikolu 87(2)(b) TFUE skont il-proċedura leġislattiva ordinarja.

Id-delegazzjoni tal-Lussemburgu għamlet dikjarazzjoni kif tinsab fl-Anness għal dawn il-minuti (paġna 12). Franza appoġġat fi prinċipju t-tħassib espress mid-delegazzjoni tal-Lussemburgu.

11. Kwistjonijiet relatati mal-moviment liberu tal-persuni

- Rapport interim mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport interim mill-Kummissjoni, ippreżentat bil-fomm, dwar kwistjonijiet relatati mal-moviment liberu tal-persuni. Il-Kummissjoni kkonkludiet proviżorjament li ma kinitx sabet evidenza dwar l-abbuż mifruq tad-drittijiet ta' moviment liberu. Minkejja dan ipproponiet għadd ta' miżuri fi ħdan il-qafas legali attwali sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni.

Il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni sabiex tkompli bil-ġbir u l-analiżi ta' data bil-għan li tippreżenta r-rapport finali lill-Kunsill ĠAI f'Diċembru 2013.

12. Sirja: Protezzjoni tar-refuġjati, l-aħħar żviluppi

Il-Kunsill fakkar l-impenn qawwi tal-UE sabiex iżżid l-assistenza lill-popolazzjonijiet konċernati fis-Sirja u l-pajjiżi ġirien tagħha u stieden lill-Istati Membri jtejjbu l-isforzi tagħhom f'dan il-qasam, b'mod partikolari jekk is-sitwazzjoni fis-Sirja tkompli tmur għall-aħħar.

Il-Kunsill laqa' l-progress li qed isir lejn l-istabbiliment ta' Programm ta' Protezzjoni Reġjonali u stieden lill-Kummissjoni tkompli l-ħidma importanti tagħha fuq dan il-programm li jikkonċerna kemm is-sitwazzjoni tar-rifjuġati kif ukoll l-aspetti ta' żvilupp f'dak ir-reġjun tal-Lvant Nofsani.

Il-Kunsill ħa nota tar-riżultati tal-missjoni ta' inkjesta, organizzata mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-EASO u l-FRONTEX, li żaret il-Bulgarija, Ċipru u l-Greċja, bil-għan li timmonitorja s-sitwazzjoni f'dawn l-Istati Membri fir-rigward tal-persjonijiet migratorji attwali u potenzjali li ġejjin, b'mod partikolari, mis-Sirja.

Fl-aħħar nett, il-Kunsill qabel li jkompli l-eżami tas-sitwazzjoni fis-Sirja u, b'mod partikolari, il-protezzjoni tar-refuġjati Sirjani f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.

13. Avvenimenti reċenti f'Lampedusa: Il-problema tal-flussi ta' migrazzjoni u l-imwiet fil-baħar Mediterran

– Kif mitlub mill-Italja

Waqt l-intervent tiegħu, il-Ministru Taljan fakkar fl-avvenimenti traġiċi li seħħew 'il barra mill-kosta ta' Lampedusa u n-numru għoli ta' mwiet u għamel diversi suġġerimenti sabiex tiġi evitata r-ripetizzjoni ta' aċċidenti traġiċi bħal dawn fil-Mediterran. B'mod partikolari, huwa appella għat-tlaqqiġ ta' task force konġunta Italja-Kummissjoni bl-oġettiv li jiġu identifikati azzjonijiet konkreti sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni attwali. Diversi Stati Membri u l-Kummissjoni appoġġaw il-proposta.

Waqt id-dibattitu li segwa, il-Ministri esprimew solidarjetà mal-Italja għall-avvenimenti traġiċi ta' Lampedusa. Il-ħtieġa li tiġi rinfurzata l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu fil-qasam tal-migrazzjoni illegali kienet enfasizzata b'mod ġenerali, sabiex jiġu indirizzati l-kawżi sottostanti ta' dan il-fenomenu. Il-ħtieġa li tiġi rinfurzata l-ġlieda kontra l-kuntrabandu u t-traffikar tal-bnedmin ġiet enfasizzata ħafna wkoll, kif ukoll l-importanza li jissaħħu r-rwol u l-kapaċitajiet ta' FRONTEX. Il-Kunsill qabel li jibqa' jeżamina din il-kwistjoni mill-qrib.

14. L-Ewwel Forum Annwali dwar ir-Rilokazzjoni, 25 ta' Settembru 2013

- Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-Ewwel Forum Annwali dwar ir-Rilokazzjoni (Brussell, 25 ta' Settembru 2013). Malta enfasizzat l-importanza ta' solidarjetà konkreta bejn l-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tar-rilokazzjoni fl-Unjoni.

15. Affarijiet oħra

- **Kapaċitajiet għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK** (kif mitlub mis-SEAE)

Ir-RGħ Ashton tat deskrizzjoni qasira tal-missjonijiet attwali tal-PSDK u spjegat li aktar riżorsi ser ikollhom jiġu ddedikati għall-iżgurar tas-sigurtà tal-persunal involut. Hija rringrazzjat lill-Ministri tal-Affarijiet Interni u tal-Ġustizzja għall-kontribut tagħhom għall-missjonijiet u talbithom ikomplu jagħmlu aktar f'dan il-qasam peress li l-istabbiliment u ż-żamma ta' tali missjonijiet dejjem jibqgħu ta' sfiċa. Fl-aħħar nett, hija enfasizzat l-importanza li jkun hemm strateġiji ta' ħruġ stabbiliti

- **Eżitu tal-laqgħa informali tal-Ministri tal-Affarijiet Interni tal-Istati ta' Schengen li għandhom Fruntieri Esterni fuq l-Art**

= Informazzjoni mill-Finlandja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Finlandiża u dik Pollakka dwar l-eżitu tal-laqgħa informali tal-Ministri tal-Affarijiet Interni tal-Istati ta' Schengen li għandhom fruntieri esterni fuq l-art.

- **Il-Pjan ta' Azzjoni Rivedut tal-Greċja dwar il-Ġestjoni tal-Asil u tal-Migrazzjoni**

= Informazzjoni mill-Greċja
14347/13 ASIM 79 COMIX 529

Il-Kunsill innota l-isforzi tal-Greċja sabiex ittejjeb is-sistemi tal-asil u tal-migrazzjoni tagħha. Il-Kummissjoni ddikjarat l-intenzjonijiet tagħha li twettaq żjarat fuq il-post sabiex tevalwa l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Greċja.

DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-MINUTI TAL-KUNSILL

Dwar il-punt "A" **Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ**
nru 12: **negozjati dwar ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Islanda, in-Norveġja**
 u l-Liechtenstein dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji futuri tal-Istati
 tal-EFTA taż-ŻEE għall-koeżjoni ekonomika u soċjali fiż-Żona
 Ekonomika Ewropea

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tqis li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati ma għandhiex tindika bażi legali sostantiva. Huwa prematur li fi stadju hekk bikri tiġi determinata l-bażi legali sostantiva korretta għall-iffirmar u l-konklużjoni ta' ftehim futur. L-għażla tal-bażi legali sostantiva tkun teħtieġ li ssir, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, abbażi ta' fatturi oġġettivi bħall-għan u l-kontenut tal-ftehim".

Dwar il-punt "A" **Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati**
nru 13: **f'isem l-Unjoni Ewropea għal Protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija**
 dwar is-Sajd mar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe -
 Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni ma tqisx li hu meħtieġ li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati tindika bażi legali sostantiva."

DIKJARAZZJONI MILL-PAJJIŻI L-BAXXI U R-RENJU UNIT

"Il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit huma tal-fehma li l-evalwazzjoni ex post tal-protokoll attwali għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe tqajjem tħassib dwar in-negozjar ta' protokoll ġdid, u huwa għalhekk li ma jistgħux jappoġġawha. B'mod partikolari, dawn id-delegazzjonijiet jixtiequ jesprimu t-tħassib tagħhom dwar il-livell tas-sajd għall-klieb il-baħar fl-ibħra tar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe. Jidher li ma hemm l-ebda sistema ta' ġestjoni ċara fis-seħħ biex tipprevedi l-protezzjoni meħtieġa ta' dawn l-ispeċi. Minbarra dan, l-evalwazzjoni ex post tqajjem dubji dwar jekk il-protokoll jipprovdi benefiċċji suffiċjenti għall-industrija lokali tas-sajd. Barra minn hekk, id-dħul ekonomiku għall-Unjoni Ewropea ma jidherx li jirrappreżenta valur tajjeb għall-flus."

Dwar il-punt 10 fuq l-aġenda: Arranġamenti proviżorji biex jiġi ospitat is-CEPOL

DIKJARAZZJONI MIL-LUSSEMBURGU

"Huwa mifhum li l-proċedura ssuġġerita għandha tiġi applikata mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 6 tal-Approċċ Komuni anness mad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea tad-19 ta' Lulju 2012 dwar l-aġenziji deċentralizzati, li jfakkar li deċiżjonijiet politiċi dwar is-sede ta' aġenziji deċentralizzati għandhom jittieħdu minn rappreżentanti tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-livell ta' Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern, jew mill-Kunsill. Il-Lussemburgu jfakkar li d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-aġenziji deċentralizzati ttipprova li l-istituzzjonijiet jieħdu kont tal-Approċċ Komuni fil-kuntest tad-deċiżjonijiet tagħhom rigward l-aġenziji deċentralizzati tal-UE, wara li tkun saret analiżi każ b'każ. Il-Lussemburgu jista' jaqbel mal-proċedura ssuġġerita biex jintlaħaq qbil politiku dwar is-sede proviżorja tas-CEPOL biss sakemm l-għan ta' dik il-proċedura jkun li tiġi ddeterminata s-sede proviżorja ta' aġenzija f'konformità ma' strument legali fis-seħħ."
